# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 4**
**Rikors kostituzzjonali numru 16/2016 SM**

**Dustin Bugeja**

***v.***

**Avukat Ġenerali u Kummisarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2017 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li sabet ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (il-"Konvenzjoni") meta ma tħalliex ikollu l-għajnuna ta' avukat meta kien interrogat mill-pulizija. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur kien mixli illi ħajjar għall-prostituzzjoni tliet tfajliet taħt l-età u għamel qligħ mill-prostituzzjoni tagħhom. Fit-13 ta' Novembru 2009 l-attur, li dak iż-żmien kellu biss sbatax-il sena, kien interrogat mill-pulizija u għamel stqarrija – li iżda ma iffirmahiex għalkemm fiha ċaħad kollox – mingħajr ma kellu għajnuna ta' avukat. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2014 il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati u ikkundannata sitt (6) snin priġunerija. L-attur appella minn din is-sentenza u l-appell għadu pendenti.

3. Billi deherlu li, għax ma kellux għajnuna ta' avukat meta għamel l-istqarrija u wkoll għax ma ngħatax aċċess għad-dokumenti li kellh al-pulizija fuq il-każ, ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti wara li tiddikjara li ġabbab dak il-ksur tagħtix rimedji xierqa.

4. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attur, iddikjarat li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu mħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, u ikkundannat lill-konvenuti jħallsuh bħala kumpens is-somma ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) flimkien mal-ispejjeż tal-kawża.

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din il-konklużjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi l-proċedura odjerna hi naxxenti mill-fatt li r-rikorrenti qed jilmenta mis-segwenti:
>
> »i. illi meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu … … … ma kienx assistit minn avukat;
>
> »ii. illi, *di più*, ma ngħatax aċċess għad-dokumentazzjoni li l-pulizija għandha fir-rigward qabel ma ttieħdet il-proċedura in diżamina;
>
> »iii. illi għalhekk dan jikkostitwixxi l-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikli speċifiċi minnu indikati fir-rikors promotur.

»Ikkunsidrat:

»illi l-intimati jsostnu sintetikament is-segwenti:

»i. illi m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

»ii. illi l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrenti ma kinitx inkriminanti;

»iii. illi mill-istess jirriżulta li r-rikorrenti innega kollox, [u] għażel li ma jiffirmahhiex;

»iv. illi jirriżulta li waqt l-istqarrija r-rikorrenti ngħata d-debita twissija;

»Ikkunsidrat:

»illi rigward l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni jingħad sintetikament is-segwenti:

»illi l-posizzjoni preżentement viġenti hi dik naxxenti mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Malcolm Said *v.* Avukat Generali *et*, datata l-24 ta' Ġunju 2016;

»Illi l-istess sentenza stabbiliet li meta jittieħdu xi azzjonijiet qabel ma l-persuna involuta tkun akkużata formalment fil-qorti bl-imputazzjonijiet addebitata lilha:

> »"Ma jfissirx … li dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat b'mod li minħabba dak li jkun sar qabel ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux 'akkużat'), iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun 'akkużat'."

»illi konsegwentement għal din ir-raġuni biss ma jistax a prioristikament jingħad li l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni hu għal kollox inapplikabbli.

»Ikkunsidrat:

»illi rigward l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni sintetikament jingħad is-segwenti:

»illi dan jistabbilixxi li, fid-determinazzjoni t'akkuża kriminali, l-akkużat hu intitolat għal smigħ xieraq;

»illi konsegwentement bis-saħħa tal-artiklu konvenzjonali in diżamina akkużat ikollu d-dritt li: jiddefendi ruħu personalment; jiddefendi ruħu alternattivament permezz t'assistenza legali tal-għażla tiegħu;

»illi jiġi immedjatament sottolineat li, fir-rigward tal-interrogatorju, l-qorti ta' Strasburgu bi kjarezza tirrikonoxxi d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ta' persuna suspettata;

»illi f'Salduz *v.* Turkey ġie awtorevolment stabbilit is-segwenti:

> »"… the rights of the defence will in principle be inevitably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."

»illi, *di più*, il-ġurisprudenza tal-istess qorti ta' Strasburgu tissottolinea li m'hemmx bżonn li jsir eżami tal-proċeduri fl-intier tagħhom jekk jirriżulta li kien hemm restrizzjoni sistematika għad-dritt tal-assistenza legali, … … …

»illi lokalment il-posizzjoni fir-rigward kompliet tevolvi speċjalment fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet Mario Borg *v.* Malta, datata t-12 ta' Jannar 2016;

»… … …

»illi fid-dawl tal-istess il-qorti *de quo* tistabbilixxi bi kjarezza li kull stqarrija li ssir mingħajr il-presenza t'assistenza legali għall-interrogat – salv f'każijiet verament eċċezzjonali – hi lesiva l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

»… … …

»Ikkunsidrat:

»illi minn eżami tal-fatti tal-każ odjern jirriżulta sintetikament is-segwenti:

»i. illi r-rikorrenti ma kellu l-ebda assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu datat it-13 ta' Novembru 2009;

»ii. illi l-fatt li m'iffirmax l-istess stqarrija ma tirriżultax li hi rilevanti fid-dawl tal-insenjament kurjali fuq riferit;

»Ikkunsidrat:

»illi allura, fid-dawl tal-insenjatament superjuri fuq riferit, la jirriżulta abbundantement assodat li la fl-interrogatorju tiegħu r-rikorrenti ma kellux l-għajnuna legali meħtieġa, dan il-fatt minnu nnifsu hu biżżejjed biex tiġi kristallizzata l-leżjoni tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni in diżamina;

»illi għalhekk jirriżulta paċifiku li effettivament ir-rikorrenti sofra leżjoni fid-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq;

»Ikkunsidrat:

»illi *in vista* tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-każ tiegħu skont il-liġi, u konsegwentement:

**»***Decide*:

»1. takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

»2. tirrespingi r-risposti tal-intimati;

»3. tiddikjara li konsegwenza tal-istess ġie leż id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fit-termini tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

»4. tikkundanna għalhekk lill-intimati biex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont t'elfejn u ħames mitt euro (€2,500.00);

»5. bl-ispejjeż kontra l-intimati«

6. Il-konvenuti appellaw b'rikors tas-7 ta' Novembru 2017 li għalih l-attur wieġeb fid-19 ta' Diċembru 2017.

7. Il-konvenuti ressqu żewġ aggravji: i. illi ma huwiex minnu li l-attur ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq; u ii. illi huma ma kellhomx jiġi kundannati jħallsu kumpens ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

8. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti jgħidu illi l-attur ma ġarrab ebda preġudizzju bit-teħid tal-istqarrija, għax fehem sew il-mistoqsijiet li sarulu, ċaħad kollox, b'ebda mod ma inkrimina ruħu, u quddiem il-qorti, meta kellu għajnuna ta' avukat, ikkonferma l-istqarrija tiegħu fejn kien ċaħad kollox.

9. Igħidu wkoll illi sabiex tara jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq hu meħtieġ li jsir apprezzament tal-proċess kriminali fl-intier tiegħu, u mhux tal-istadju tal-interrogazzjoni biss.

10. L-attur wieġeb billi jsostni illi l-ġurisprudenza hija fis-sens illi ċ-ċaħda sistematika tal-jedd ta' għajnuna legali waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra, hija biżżejjed biex jitqies li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

11. Għandu jingħad qabel xejn illi l-ewwel qorti ma sabitx ksur minħabba nuqqas ta' aċċess għall-*file* tal-pulizija, u ma sar ebda appell dwar hekk. Il-kwistjoni għalhekk hija biss dwar jekk in-nuqqas ta' għajnuna legali waqt li l-attur kien interrogat mill-pulizija huwiex, għalhekk biss, ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

12. Dwar l-osservazzjoni tal-konvenuti illi hu meħtieġ li jsir apprezzament tal-proċess kriminali fl-intier tiegħu, il-qorti tosserva illi, għalkemm fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Borg *v.*

Malta[1], imsemmija mill-attur fit-tweġiba tiegħu, tassew jingħad illi ċ-ċaħda sistematika ta' għajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni mill-pulizija hija, weħedha, biżżejjed biex jitqies miksur il-jedd għal smigħ xieraq, dik l-istess qorti fil-każ ta' Dimech *v.* Malta[2] – ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza ta' Borg – kienet osservat illi:

> »47. the Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, *Kesik v. Turkey*, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and *Simons v. Belgium* (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see *Bouglame v. Belgium* (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010)
>
> 48. The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.«

13. Dan ir-raġunament ġie wkoll approvat mill-istess qorti fis-sentenza li tat fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech *et v.* Malta fejn osservat illi:

> »In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.
>
> »The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, … § 48, Kesik *v.* Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons *v.* Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame *v.* Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).
>
> »The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the

[1] Q.E.D.B. 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/13.

[2] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik. 34373/13.

> domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.
>
> »Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«

14. L-argument miġjub mill-konvenuti f'din il-parti tal-aggravju tagħhom huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju, ladarba l-proċeduri kriminali għadhom ma nqatgħux, għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.[3]

15. Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet ir-raġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela "x'aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir.

16. Għalhekk, kif osservat din il-qorti fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali, ukoll ċitata mill-attur, ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attur lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirko-stanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista'

---

[3] Ara wkoll, Trevor Bonnici *v.* L-Avukat Ġenerali, Kost., 18 ta' Lulju 2017; Il-Pulizija (Spettur Graziella Muscat) *v.* Philip Borg, Kost., 13 ta' Diċembru 2017.

jkollu ebda konsegwenza ta’ preġudizzju għall-attur għalkemm fl-istqarrija ċaħad kollox.[4]

17. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk huwa xieraq illi ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali li issa għandu jitkompla quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

18. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet tal-attur; fid-dawl ta’ dak kollu li ngħad fuq, ma jistax jinħgad illi kien hemm ksur qabel ma jkun intemm il-proċess kriminali. Għalhekk il-qorti sejra tilqa’ dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, sejra tordna illi l-istqarrija titneħħa mill-inkartament tal-proċess.

19. Għalhekk ukoll ma huwiex il-każ li l-attur jingħata rimedju ulterjuri fil-forma ta’ kumpens monetarju – meritu tat-tieni aggravju tal-konvenuti – u l-qorti sejra tħassar ukoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ikkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-attur elfejn u ħames mitt euro (€2,500) bħala kumpens.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tħassar is-sentenza appellata: tgħid illi f’dan l-istadju ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq iżda, sabiex ma jiġrix illi x’aktarx iseħħ dak il-ksur, tordna illi l-istqarrija tal-attur u kull referenza għaliha jitneħħew

---

4 Ara wkoll Dominic Camilleri *v.* Avukat Ġenerali, Kost. 47/2016.

mill-inkartament, u tordna li jitkompla l-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

21. Billi kien meħtieġ li ssir din il-kawża biex il-proċeduri kontra l-attur ma jitkomplewx b'mod li x'aktarx seta' wassal għall-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, l-ispejjeż tal-ewwel grad għandhom iħallsuhom il-konvenuti; l-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: tliet ishem minn erbgħa (¾) jħallashom l-attur u s-sehem l-ieħor minn erbgħa (¼) jħallsuh il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df